MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 72/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**Vs**

**Mercieca Clint**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Jannar 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u tnax Euro u disgha u tletin centezmu (€412.39) ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet.

Ra illi debitament notifikat, il-konvenut Clint Mercieca deher fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2009 u ddikjara illi l-ammont pretiz minnu kien dovut pero` xtaq illi jhallas bin-nifs.

Ra illi t-Tribunal akkorda differiment bl-intiza illi l-partijiet jittransigu, fin-nuqqas ta' liema, it-Tribunal rrizerva illi ighaddi ghal decizjoni.

Ra illi fis-seduta tad-29 ta' April 2009, d-difensur tas-socjeta` attrici ddikjara illi l-konvenut ma kienx resaq ghal transazzjoni u wisq anqas ghamel pagament u ghalhekk talab lit-Tribunal jghaddi ghal decizjoni.

Ikkunsidra illi l-konvenut ammetta t-talba attrici kif dikjarat hawn aktar il-fuq.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u partikolarment fuq l-ammissjoni registrata mill-konvenut stess fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2009, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u tnax il-Euro u disa` u tletin Euro centezmi (€412.39) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz u bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------